A.L. 278 ta' l-2007

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-ENEMALTA (KAP. 272)

REGOLAMENTI TA' L-2007 DWAR IL-*PETROLEUM* GĦAS-SUQ TAL-KARBURANTI BL-INGROSSA FUQ L-ART

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-artikolu 39 ta' l-Att dwar l-Enemalta, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Ministru għall-Investiment, Industrija u l-Informazzjoni Teknoloġika, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola is-suq tal-karburanti tal-*petroleum* bl-ingrossa fuq l-art.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-2 ta' Ottubru 2007.

Tifsir.

Kap.423

2. (1) Kemm–il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet fl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"approvat" tfisser l-approvazzjoni li tingħata bil-miktub mill-Awtorità;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi,

Iżda kull meta l-Awtorità hi mitluba li teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti dwar faċilitajiet ta' ħżin *offshore,* l-Awtorità għandha taġixxi bil-kollaborazzjoni ta' l-Awtorità responsabbli għal affarijiet marittimi;

" awtorizzazzjoni" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti;

"biofuel" tfisser karburanti likwidu jew karburanti f'forma gassuża, magħmula minn massa bioloġika. Il-frażi *"biofuels"* għandha tinkludi *biodiesel*, *biodimethylethers*, *bioethanols*, *biogasse*s, *biohydrogens*, *biomethanol", bio-ETBEs, bio-MTBEs,* żejt veġetali pur u *biofuels* sintetiċi;

"bottiljar" tfisser li tpoġġi l-*LPG* f'ċilindri li jistgħu jinġarru;

"boycott" tfisser prattika miftiehma minn persuni li tikkonsisti f'azzjoni unilaterali jew kollettiva biex jaqtgħu l-provvisti jew akkwisti lil jew minn klijent jew bejjiegħ partikulari, jew kundizzjonijiet li jiġu applikati għal dak il-klijent jew bejjiegħ bl-imnut partikulari, li jirrendu skambji kontinwi mhux prattiċi;

"ċilindri li jistgħu jinġarru" jew "ċilindri" tfisser kontenituri trasportabbli u li jistgħu jinġarru tajbin għall-użu ma' l-LPG u li jikkonformaw mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Tagħmir tal-Pressa Trasportabbli;

A.L. 331 ta' l-2002.

"faċilità primarja tal-ħżin" tfisser faċilità awtorizzata kemm *onshore* jew *offshore* approvata mill-Awtorità biex taħżen il-prodotti tal-*petroleum,* li taqa' taħt ir-A.L. 37 ta' l-2003.

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar u, jew kull faċilità għall-ħżin użata għall-bejgħ bl-ingrossa, jew kull faċilità għall-ħżin oħra msemmija għal dan il-għan mill-Awtorità;

"faċilità awtorizzata" tfisser faċilità li tkun inħarġet awtorizzazzjoni għaliha u li tinkludi kull bini, tank, sistema ta' pajpijiet, pompi, *dispensers*, tagħmir elettroniku, dranaġġ, tagħmir anċillari u kull beni oħra f'dik il-parti tal-faċilità li għandha x'taqsam ma' l-importazzjoni, bejgħ bl-ingrossa, ħżin u bbottiljar tal-*petroleum*;

"grossista" tfisser kull persuna li bl-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità takkwista, tippossjedi, tħallat jew timmaniġġa l-*petroleum* bil-għan li l-*petroleum* jerġa' jinbiegħ f'ammont kbir lill-bejjiegħa ta' l-imnut u teskludi lill-konsumatur aħħari;

"importatur" tfisser persuna li skond il-pattijiet ta' l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorita` tkun responsabbli għad-dħul f'Malta ta' *petroleum* trasportat minn kull pajjiż ieħor;

"intrapriża" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni; Kap. 379.

"konsumatur aħħari" tfisser persuna naturali jew legali li tixtri l-*petroleum* għall-użu tagħha u mhux biex jerġa' jinbiegħ jew għal għanijiet ta' trasferiment;

"*LPG*" tfisser gass likwidat tal-*petroleum*;

"massa biologika" tfisser dik il-frazzjoni biodegradabbli ta' prodotti, skart jew fdalijiet mill-agrikoltura (inklużi sustanzi veġetali u ta' l-annimali), siġar fil-foresti u l-industriji relatati, kif ukoll il-frazzjoni biodegradabbli ta' l-iskart industrijali u muniċipali;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"persuna" għandha tinkludi individwu, intrapriża, korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm jekk dan il-korp jew assoċjazzjoni hija persuna ġuridika kemm jekk ma tkunx;

"persuna kompetenti" tfisser persuna approvata mill-Awtorità li għandha *warrant* biex tipprattika il-professjoni ta' inġinier taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija jew il-kwalifika professjonali ekwivalenti taħt l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, u li jkollha taħriġ tajjeb, għarfien suffiċjenti, esperjenza u kapaċità hekk kif approvati mill-Awtorità: Kap. 321. Kap. 451.

(a) tagħmel ispezzjonijiet tal-verifika ta' faċilità awtorizzata;

(b) tagħmel tibdil materjali fil-faċilità awtorizzata;

(ċ) tiċċertifika bil-miktub li l-faċilità awtorizzata hija mħaddma kif stabbilit fil-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni u, jew f'linji gwida;

(d) tagħmel xogħol ta' natura teknika li jkun kumplimentari u anċillari ma' dak imsemmi hawn qabel.

"provditur awtorizzat" tfisser provditur li għandu awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt l-Att u dawn ir-regolamenti;

"*petroleum*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-Att:

Iżda *petroleum* tista' tingħata tifsira differenti f'xi awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, skond il-każ;

"spettur" tfisser kull impjegat jew uffiċċjal ta' l-Awtorità jew kull persuna oħra mqabbda u awtorizzata bil-miktub mill-Awtorità skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att biex tispezzjona u tivverifika li jkun hemm konformità ma' dawn ir-regolamenti u ma' kull kundizzjoni fl-awtorizzazzjoni;

"spezzjoni tal-verifika" tfisser ispezzjoni mmexxija minn persuna kompetenti biex tivverifika li l-faċilità awtorizzata tkun qed tiġi operata u miżmuma skond il-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni u l-linji gwida li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien toħroġ;

"tibdil materjali" tfisser kull tibdil li, fil-limiti ta' l-applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni, jista' fl-opinjoni ta' l-Awtorità jaffettwa b'mod raġonevoli l-operazzjoni mingħajr perikolu tal-faċilità awtorizzata, u tinkludi tibdil, tneħħija, irranġar, skambjar jew waqfien mill-użu ta' xi tagħmir sew elettriku sew mekkaniku, li jista' jaffettwa l-operazzjoni mingħajr periklu tal-faċilità awtorizzata;

"trasferiment" tinkludi kull negozju, bejgħ kemm bl-imnut kemm bl-ingrossa, jew donazzjoni.

Projbizzjoni ta' ċertu operazzjonijiet u attivitajiet.

3. (1) L-ebda persuna m'għandha, sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni valida skond dawn ir-regolamenti jew regolamenti oħra, twettaq xi waħda minn dawn l-operazzjonijiet u, jew attivitajiet li ġejjin:

(a) takkwista, timporta, tittrasferixxi, tippossjedi, iżżomm, tħallat, tibbottilja, tbiegħ bl-ingrossa jew tagħti lil xi persuna xi prodotti tal-*petroleum*, u

(b) twettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* jew topera faċilità tal-ħżin primarja jew ta' l-ibbottiljar ta' l-*LPG*.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) m'għandhomx japplikaw għal ebda waħda minn dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pussess *in bona fede* jew iż-żamma minn kull persuna ta' kwantità ta' inqas minn 300 litru ta' *petroleum* għall-użu privat

Iżda li fil-każ ta' kwantitajiet ta' spirtu tal-muturi u karburanti ta' l-avjazzjoni (spirtu ta' l-avjazzjoni u *jet-fuel* tat-tip *gasoline*) li jeċċedi 60 litru, hi għandha tinnotifika lill-Awtorità bl-intenzjoni tagħha li taħżen dawn it-tipi ta' *petroleum* hawn qabel imsemmija, li għandhom jinħażnu skond linji gwida jew kodiċijiet ta' prattika approvati.

(b) il-pussess *in bona fede* u ż-żamma minn xi persuna ta' kwantità ta' inqas minn 150 kg ta' l-*LPG* jew ħames ċilindri portabbli mqabbda flimkien, skond liema jkunu l-inqas;

(ċ) il-pussess *in bona fede* u ż-żamma minn xi persuna ta' *petroleum* fit-tank tal-*petrol* ta' vettura esklużivament użat għall-propulsjoni ta' dik il-vettura; u

(d) l-importazzjoni *in bona fede* u ż-żamma minn xi persuna ta' kwantità ta' inqas minn 25 litru għall-użu esklużiv ta' ttestjar f'laboratorju:

Iżda l-importazzjoni ta' ammont ikbar għal finijiet ta' ttestjar jista' jiġi awtorizzat mill-Awtorità.

Awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

4. (1) L-Awtorità tista', skond dawn ir-regolamenti, toħroġ awtorizzazzjoni u, jew awtorizzazzjonijiet:

(a) għat-twettiq ta' attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*;

(b) għal operazzjoni ta' faċilità tal-ħżin primarja;

(ċ) għall-ibbottiljar ta' l-*LPG*.

Iżda provditur bħal dak li jkun awtorizzat, għandu jissodisfa dawk il-kondizzjonijiet hekk kif speċifikati fl-awtorizzazzjoni, f'dawn ir-regolamenti u f'kull liġi oħra applikabbli.

(2) Minkejja l-ġeneralità hawn qabel imsemmija l-Awtorità tista' toħroġ tipi oħra ta' awtorizzazzjonijiet hekk kif jista' jkun neċessarju.

Dispożizzjonijiet transitorji fir-rigward ta' operaturi eżistenti.

A.G. 337 ta' l-1955.

5. (1) Kull persuna, li qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, kienet involuta f'xi attivita' jew operazzjoni relatata mal-*petroleum* u tippossjedi liċenza għal dan il-għan taħt ir-Regolamenti ta' l-1955 dwar l-Ħżin tal-*Petroleum*, tista' tkompli teżerċita dawk l-attivitajiet skond il-liċenza relattiva taħt il-kondizzjonijiet tal-liċenza sa sena kalendarja mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jew sa meta tingħata l-awtorizzazzjoni l-ġdida, skond liema tiġi l-ewwel:

Iżda persuna bħal dik għandha tapplika għall-awtorizzazzjoni applikabbli ġdida hekk kif elenkata fir-regolament 4(1) lill-Awtorità fi żmien xahrejn mill-jum minn meta jkun intbagħat avviż mill-Awtorità biex japplika għal dik il-awtorizzazzjoni:

Iżda ukoll persuna bħal dik għandha tosserva dawk il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni hekk kif stabbiliti fl-awtorizzazzjoni l-ġdida li għandha tinħareġ mill-Awtorità b'effett mid-data li l-Awtorità tista' tistabbilixxi.

(2) Kull persuna li mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tkun qegħda twettaq l-attività ta' importatur u grossista tal-*petroleum* u, jew bottiljatur tal-LPG u, jew operatur ta' faċilità tal-ħżin primarja:

(a) tista' tkompli twettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* u, jew ta' l-ibbottiljar tal-*LPG* u, jew operatur ta' faċilità tal-ħżin primarja:

Iżda persuna bħal dik għandha tapplika għal awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti sa żmien xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) għandha tosserva l-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni hekk kif stabbilit fl-awtorizzazzjoni l-ġdida li tista' tinħareġ mill-Awtorità b'effett mid-data li l-Awtorità tista' tistabbilixxi.

(3) Fil-perjodu bejn id-data meta dawn ir-regolamenti jew partijiet minnhom jidħlu fis-seħħ u d-data meta l-awtorizzazzjonijiet l-ġodda jidħlu fis-seħħ, il-persuna awtorizzata għandha ssegwi kull direzzjoni u kondizzjoni li l-Awtorità tista' tistabbilixxi:

Iżda meta dawk il-kondizzjonijiet ikunu inkonsistenti ma' l-awtorizzazzjoni li tkun fis-seħħ, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet il-ġodda.

(4) Kull ftehim eżistenti bejn l-operaturi preżenti għandu jiġi dikjarat null u mhux validu, kemm–il darba dan ikun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(5) L-Awtorità tista' teħtieġ lill-operaturi eżistenti biex itejbu l-faċilità awtorizzata u l-attivitajiet tagħhom għall-*standards* u kodiċijiet tal-prattika approvati, skond skeda miftehma reċiprokament u li ssir ma' kull provditur awtorizzat:

Iżda jekk ikun jeżisti periklu għas-sigurtà imminenti u gravi, il-provditur awtorizzat għandu minn jeddu jneħħi dan il-periklu, u wara dan jinnotifika lill-Awtorità b'dik it-tneħħija;

Iżda wkoll l-Awtorità tista' skond id-diskrezzjoni tagħha tordna kondizzjonijiet transitorji speċjali ta' l-awtorizzazzjoni wara li tieħu kunsiderazzjoni xierqa tas-sitwazzjoni eżistenti.

(6) Persuna li jkollha *warrant* biex tipprattika l-professjoni ta' inġinier, u li jkollha għarfien suffiċjenti, esperjenza u kapaċità hekk kif approvati mill-Awtorità tista' taġixxi bħala persuna kompetenti, għall-finijiet u skond dawn ir-regolamenti, għal perjodu transitorju ta' sena minn meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti;

(7) Kull dritt applikabbli għall-awtorizzazzjoni l-ġdida għandu japplika *pro-rata temporis* mid-data tal-ħruġ sal-31 ta' Diċembru, 2007.

Kundizzjonijiet ġenerali ta' l-awtorizzazzjonijiet.

6. (1) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu mill-Awtorità fir-rigward ta' l-eżekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi msemmija f'dawn ir-regolamenti u għandhom jinkludu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi.

(2) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità għandha tkun bil-miktub u, sakemm ma tiġix ikkanċellata, sospiża jew revokata skond xi kondizzjoni msemmija fiha jew skond dawn ir-regolamenti, din għandha tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu skond ma jiġi speċifikat jew stabbilit jew determinat minn jew taħt l-awtorizzazzjoni.

(3) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma tipprojibixxi lill-Awtorità milli toħroġ awtorizzazzjoni unika li tkun tinkludi aktar minn awtorizzazzjoni waħda.

(4) L-awtorizzazzjonijiet, sakemm ma jiġux revokati, huma validi għal dawn il-perjodi ta' snin li ġejjin:

(a) sitt snin fil-każ ta' awtorizzazzjoni biex titmexxa l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*;

(b) tletin sena fil-każ ta' awtorizzazzjoni biex tiġi operata faċilità primarja tal-ħżin;

(ċ) tletin sena fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-ibbottiljar tal-*LPG*.

(5) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandhiex teżenta lill-provditur awtorizzat mill-ħtieġa li jkollu xi awtorizzazzjoni oħra jew permess ieħor li jistgħu jinħtieġu taħt kull liġi oħra.

Każijiet spejali.

7. (1) Fil-każ ta' awtorizzazzjoni biex tiġi operata faċilità tal-ħżin primarja, kull faċilità awtorizzata għandu jkollha awtorizzazzjoni separata. Kull awtorizzazzjoni separata għandha b'mod ċar tagħmel referenza għal-lokazzjoni u l-indirizz fejn tkun tinsab il-faċilità awtorizzata u tinħareġ f'isem is-sid tal-faċilità awtorizzata. Il-provditur awtorizzat għandu jkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni u għall-osservanza tal-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni.

(2) Fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-ibbottiljar tal-*LPG*, l-awtorizzazzjoni għandha tawtorizza lill-provditur li tingħatalu l-awtorizzazzjoni biex jaħżen *LPG* bil-massa, jibbottiljah u jbiegħu bl-ingrossa u bl-imnut bħala *LPG* kontenut f'ċilindri li jistgħu jinġarru.

(3) L-għoti ta' awtorizzazzjoni skond dawn ir-regolamenti m'għandhiex tinftiehem bħala li tawtorizza lill-provditur awtorizzat li jmexxi kull attività jew operazzjoni, tkun kif tkun deskritta, fir-rigward ta' *biofuels*:

Iżda l-Awtorità tista' espressament tawtorizza lill-provditur li tingħatalu l-awtorizzazzjoni li jidħol għal xi attività jew operazzjoni fir-rigward ta' *biofuels* hekk kif hija tista' tistabbilixxi bil-miktub. B'dan kollu l-Awtorità tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet kollha li hija tista' tikkunsidra li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi.

Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u dritt ta' l-applikazzjoni.

8. (1) Kull persuna li tixtieq:

(a) tmexxi attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*, jew

(b) topera faċilità tal-ħżin primarja; jew

(ċ) tibbottilja l-*LPG*,

għanda tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità b'tali mod u manjiera skond ma' l-Awtorità tista' tordna.

(2) Għandu jitħallas dritt mhux rimborżabbli għall-applikazzjoni skond m'hemm stabbilit fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lill-Awtorità flimkien ma' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

Kif tiġi stabbilita il-proċedura għall-applikazzjonijiet.

9. (1) L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-proċedura tagħha għall-finijiet li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għal:

(a) awtorizzazzjoni biex titmexxa attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*;

(b) awtorizzazzjoni biex tiġi operata faċilità primarja tal-ħżin;

(ċ) awtorizzazzjoni għall-ibbottiljar tal-*LPG*.

(2) L-Awtorità għandha tikkomunika lill-applikant bil-miktub fi żmien raġonevoli, li m'għandux ikun ta' iżjed minn tliet xhur mid-data meta tiġi riċevuta applikazzjoni valida, kull deċiżjoni mittieħda li tkun tirrigwarda l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni jew kull raġuni valida li żżomm lill-Awtorità milli tasal għal dik id-deċiżjoni.

Tiġdid, modifikazzjoni eċċ. ta' awtorizzazzjoni.

10. (1) Meta l-awtorizzazzjoni tiskadi, din tista' tiġi mġedda, u applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni b'dak il-mod u b'dik il-manjiera li l-Awtorità tista' tirrikjedi għandha tintbagħat bil-miktub lill-Awtorità, sitt xhur qabel id-data li fiha l-awtorizzazzjoni tiskadi.

(2) L-Awtorità tista' timmodifika, temenda, tibdel, iżżid jew tħassar kull kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni fl-awtorizzazzjoni mġedda u żżid kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti ma' kull awtorizzazzjoni individwali hekk kif l-Awtorità tikkunsidra li jkun ġustifikament raġonevoli fiċ-ċirkustanzi.

Hlas ta' dritt ta' l-awtorizzazzjoni.

11. (1) L-ewwel dritt ta' l-awtorizzazzjoni għandu jitħallas mill-provditur awtorizzat sa tletin ġurnata minn meta tingħata l-awtorizzazzjoni, u wara dan ta' kull sena f'għeluq is-sena meta tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni jew xi data oħra li l-Awtorità tista' raġonevolment tistabbilixxi.

(2) L-ammont tad-dritt ta' l-awtorizzazzjoni għandu jkun skond m'hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandu jiġi mħallas lill-Awtorità flimkien ma' l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

(3) Jekk xi dritt ta' l-awtorizzazzjoni li għandu jitħallas taħt is-sub-regolament (2) ma jiġix imħallas fi żmien tletin ġurnata, l-Awtorità għandha wara li jiskadi dak iż-żmien, tikkomunika mal-provditur awtorizzat li d-dritt ta' l-awtorizzazzjoni tiegħu ma jkunx ġie hekk imħallas u tinformah dwar in-nuqqas tiegħu li jħallas dak id-dritt.

(4) L-Awtorità għandha titqies li tkun issodisfat is-sub-regolament (3) jekk dik il-komunikazzjoni tintbagħat b'ittra reġistrata, fl-indirizz tas-soltu jew fl-aħħar indirizz magħruf tal-provditur awtorizzat li d-dritt tal- awtorizzazzjoni tiegħu ma jkunx ġie hekk imħallas.

Ħtieġa li tapplika mill-ġdid f'każ ta' nuqqas li tiħallas l-awtorizzazzjoni.

12. (1) Jekk xi dritt ta' l-awtorizzazzjoni ma jitħallasx fi żmien tletin ġurnata wara d-data li fiha l-imsemmija komunikazzjoni tkun intbagħtet b'ittra reġistrata, l-awtorizzazzjoni relattiva ma tibqax aktar fis-seħħ, u jekk il-provditur awtorizzat li lilu tkun ingħatat ikun irid jerġa' jmexxi l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*, jopera faċilità tal-ħżin primarja jew jibbottilja l-LPG, huwa għandu imbagħad jintalab japplika għal awtorizzazzjoni ġdida.

(2) Meta tikkunsidra applikazzjoni bħal dik, l-Awtorità tista' tieħu in konsiderazzjoni n-nuqqas preċedenti ta' l-applikant milli jħallas id-dritt ta' l-awtorizzazzjoni u ta' kull spjegazzjoni dwar dan in-nuqqas li l-applikant jista' jibgħat lill-Awtorità.

Kondizzjonijiet għad-deċiżjonijiet dwar l-għotja u t-tiġdid ta' l-awtorizzazzjonijiet.

13. (1) L-Awtorità għandha tadotta kondizzjonijiet xierqa, oġġettivi u trasparenti dwar l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

(2) Meta tieħu deċiżjoni dwar l-għoti, il-ħruġ, l-emenda jew tiġdid jew kull ħaġa oħra li tolqot l-awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tieħu in konsiderazzjoni dan li ġej:

(a) il-konformità mill-applikant mal-permessi u l-liċenzi l-oħra rilevanti jkunu kif ikunu deskritti maħruġa minn xi awtorità pubblika oħra;

(b) il-kapaċità ta' l-applikant li jiżgura l-kundizzjonijiet ta' sigurtà fil-kuntest ta' l-awtorizzazzjoni li jkun qed japplika għaliha;

(ċ) l-integrità privata u professjonali ta' l-applikant;

(d) il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(e) il-protezzjoni ta' l-ambjent;

(f) ir-*record* ta' ħarsien ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi oħra rilevanti mill-persuna li fuqha tkun ser tingħata d-deċiżjoni;

(ġ) il-konvenjenza tal-faċilità fir-rigward ta' sigurtà, saħħa, sigurezza, sustanzi perikolużi, ambjent, użu ta' l-art u ħtiġiet ta' l-ippjanar;

(g) il-bżonn għal faċilitajiet u servizzi li għandhom jiġu provduti lill-konsumaturi fil-faċilità in kwistjoni u safejn jistgħu jiġu moqdija l-interessi tal-konsumaturi;

(ħ) il-possibilità ta' kundizzjoni monopolistika jew oligopolistika fl-industrija tas-suq tal- *petroleum* bl-ingrossa fuq l-art detrimentali għall-interess pubbliku li jkun qed jinħoloq jew li jkun qed jiġi aggravat, u safejn tista' tiġi affettwata l-kompetizzjoni xierqa u raġonevoli fil-bejgħ bl-imnut tal-*petroleum*;

(h) kull ħaġa oħra rilevanti għall-provvista b'mod ordinat tal-*petroleum* f'Malta; u

(għ) l-interess pubbliku in ġenerali.

Raġunijiet għar-rifjut ta' awtorizzazzjoni.

14. (1) L-Awtorità għandha dritt li tirrifjuta talba għal awtorizzazzjoni jew, jekk awtorizzazzjoni tkun inħarġet, talba għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni, għar-raġunijiet li:

(a) l-Awtorità tikkunsidra li t-talba ma tkunx konformi ma' xi wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fir-regolament 13; jew

(b) l-applikazzjoni ma jkunx fiha dik l-informazzjoni kollha mitluba mill-Awtorità fil-formula ta' l-applikazzjoni jew kull informazzjoni oħra addizzjonali li l-Awtorità tista' titlob mingħand l-applikant bil-għan li tiġi stabbilita l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni; jew

(ċ) l-applikazzjoni ma jkollhiex magħha dak id-dritt ta' l-applikazzjoni li jiġi speċifikat skond dawn ir-regolamenti.

Setgħat għall-impożizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni.

15. (1) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li tinkludi f' awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tikkunsidra meħtieġa jew xierqa.

(2) Kull waħda mill-awtorizzazzjonijiet individwali deskritta fir-regolament 4(1) għandu jkollha għadd minimu ta' kondizzjonijiet ġenerali:

Iżda jistgħu jingħamlu kondizzjonijiet speċjali fil-każ ta' kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-provditur awtorizzat għandu f'kull waqt jikkonforma ruħu ma' dawn ir-regolamenti u mal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni li tinħariġlu.

(4) Il-kondizzjonijiet inklużi fl-awtorizzazzjoni jista' jkun fihom, iżda mhux neċessarjament ikunu limitati għal, disposizzjonijiet dwar:

(a) l-għoti u t-terminu ta' l-awtorizzazzjoni;

(b) kondizzjonijiet dwar is-sospensjoni, il-varjazzjoni u t-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni;

(ċ) il-ħtiġiet għall-konformità mal-kondizzjonijiet, direzzjonijiet, ittri amministrattivi, *standards,* linji gwida, kodiċi ta' prattika jew ir-regoli imposti mill-Awtorità jew ħekk kif jistgħu jiġu stabbiliti bil-liġi;

(d) l-obbligi tal-provditur awtorizzat li jinkludu, iżda li mhux limitati għall-obbligi dwar is-servizz lill-konsumatur, u ammont minimu ta' ħżin li jsir b'mod assikurattiv tal-*petroleum*;

(e) l-appoġġ għall-pjan fit-tul ta' l-enerġija fil-pajjiż;

(f) il-promozzjoni ta' l-operazzjoni effiċjenti tas-suq tal-*petroleum* u l-protezzjoni tal-konsumaturi skond l-irħas prezzijiet possibbli kkumbinati ma' l-ogħla kwalità tal-prodotti;

(ġ) il-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni ta' l-operazzjonijiet li dwarhom hemm awtorizzazzjoni;

(g) ir-rappurtar, il-verifika u s-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-Awtorità;

(ħ) l-ispezzjoni, li jsiru kopji u jittieħdu estratti minn kotba u reġistrazzjonijiet miżmuma mill-provditur awtorizzat u t-twettiq ta' miżuri u testijiet b'relazzjoni ma' kull faċilità, beni jew impjant sakemm dawn isiru minn spettur approvat;

(h) il-valutazzjoni u l-verifika ta' l-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-prattiċi u l-konformità tagħhom mal-kondizzjonijiet ta' l- awtorizzazzjoni;

(għ) ir-regolament tal-kumpanniji sussidjarji u, jew kumpanniji li jkunu qegħdin jeżegwixxu parti mill-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi regolati:

Iżda l-Ministru jista' jagħti direzzjonijiet ta' xorta ta' *policy* lill-Awtorità in relazzjoni ma' xi kondizzjoni ta' hawn qabel.

(5) Kull provditur awtorizzat taħt dawn ir-regolamenti għandu:

(a) jikkonforma ma' kull direzzjoni mogħtija mill-Awtorità fir-rigward ta' dawk il-fatti speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew li huma ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(b) jeżegwixxi l-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-prattiċi regolati skond dawk il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni;

(ċ) jaġixxi skond kull ħtieġa speċifikata fl-awtorizzazzjoni jew li jkollha deskrizzjoni kif hekk speċifikata; u

(d) jikkonforma ruħu mad-deċiżjonijiet u direzzjonijiet maħruġa mill-Awtorità biex ikun hemm konformità ma' xi obbligu internazzjonali ta' Malta.

Ispezzjoni ta' faċilitajiet awtorizzati.

16. (1) L-ispetturi għandhom jiġu awtorizzati biex jidħlu u jispezzjonaw kull faċilità awtorizzata, li fiha il-*petroleum* ikun qiegħed jiġi importat, maħżun, imħallat, ibbottiljat, imqassam, mibjugħ bl-ingrossa, jew li jkun qed jiġi trasportat, u jispezzjonaw kull tank, sistema ta' pajpijiet, il-pompa, *dispenser,* tagħmir elettriku, id-drenaġġ, it-tagħmir anċillari u tagħmir ieħor jew beni direttament jew indirettament marbutin mat-twettiq tal-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni biex jiġi aċċertat jekk dawn humiex skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni.

(2) Kull spettur ta' l-Awtorità hekk awtorizzat għandu f'kull ħin raġjonevoli jingħata aċċess liberu għal faċilità awtorizzata, biex jaċċerta jekk il-kondizzjonijiet li jkunu jinsabu fl-awtorizzazzjoni humiex qed jiġu osservati kif imiss. Il-provditur awtorizzat għandu jagħti kull assistenza raġonevoli lil dak l-ispettur jista' jkun jehtieġ għal dak il-għan.

Iż-żamma tal-kontijiet u tat-transazzjonijiet tal-*petroleum*.

17. (1) Il-provdituri awtorizzati għandhom iżommu *records* tat-transazzjonijiet kollha fir-rigward ta' kull awtorizzazzjoni li huma għandhom u informazzjoni oħra dwar it-transazzjonijiet kollha tal-*petroleum* permessi taħt il-awtorizzazzjonijiet li jkunu fis-seħħ u li

jżommu l-oriġinali tal-kontijiet verifikati kollha fil-post prinċipali tan-negozju tagħhom bil-għan li jiġu verifikati mill-Awtorità. L-Awtorità tista' tagħmel kopji u tieħu estratti minn dawk ir-*records*:

Iżda l-Awtorità għandha tittratta bħala kunfidenzjali kull informazzjoni akkwistata mingħand il-provditur awtorizzat li dan jikkomunika lill-Awtorità, li din l-informazzjoni tkun sensittiva għal kummerċ u li l-Awtorità taċċetta bħala tali, u meta tagħmel dan l-Awtorità m'għandhiex tiżvela ebda informazzjoni bħal dik sakemm ma tiġix mitluba tagħmel dan bil-liġi jew b'ordni tal-qorti.

(2) L-Awtorità jkollha d-dritt li tippubblika informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-istatistiċi li jkollhom x'jaqsmu mal-*petroleum*:

Iżda dik il-pubblikazzjoni m'għandhiex tkun tirreferi għal xi provditur awtorizzat speċifiku u għandha tkun skond il-liġijiet fuq il-protezzjoni tad-*data*.

Kwalità u ttestjar tal-*petroleum*.

18. (1) L-ebda persuna ma tista' taħraq, tikkombustjona jew toffri għall-bejgħ jew issellef jew titrasferixxi, prodotti tal-*petroleum* oħra li ma jkunux dawk permessi bil-liġi.

(2) L-ispetturi għandhom ikunu awtorizzati li jidħlu u jispezzjonaw kull faċilità awtorizzata, u, jew kull vettura li fihom il-*petroleum* ikun qiegħed jiġi importat, maħzun, imħallat, ibbottiljat, imqassam, mibjugħ bl-ingrossa, jew li jkun qed jiġi trasportat u li jispezzjonaw u jieħdu kampjuni għall-ittestjar ta' kull *petroleum* li jkun jinsab fihom.

(3) L-Awtorità tista' toħroġ linji gwida:

(a) dwar it-teħid ta' kampjuni tal-*petroleum* għall-ittestjar;

(b) li jkunu jiddeterminaw il-każijiet, u xi ħlas għandu jsir fuq il-valur tal-kampjuni meħuda, u l-mod kif isir il-ħlas; u

(ċ) li jirrigwardaw il-proċedura ta' l-ispetturi li jeżerċitaw setgħat taħt dawn ir-regolamenti.

Disinn u kostruzzjoni ta' faċilitajiet awtorizzati.

19. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kull liġi oħra, il-faċilitajiet awtorizzati kollha għandhom ikunu iddisinjati u mibnija skond *standards* ordnati mill-Awtorità u, jew kull awtorità oħra kompetenti taħt il-liġi.

(2) Meta jitlestew id-disinn u l-bini, persuna kompetenti għandha tissottometti bil-miktub ċertifikazzjoni li kull *standard* u ħtieġa ta' sigurezza imposti fuq il-faċilità awtorizzata jkunu ġew osservati.

Tibdil materjali.

20. (1) Il-provditur awtorizzat m'għandhux iwettaq jew jippermetti li jitwettaq tibdil materjali fil-faċilità awtorizzata, kemm-il darba ma jinkisibx il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità.

(2) Il-kunsens approvat għat-tibdil materjali mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandux jeżenta lill-provditur awtorizzat mill-ħtieġa li jikseb kull approvazzjoni oħra bil-miktub jew permess meħtieġa taħt xi liġi oħra.

(3) L-ebda persuna, ħlief il-persuna kompetenti, jew persuna:

(a) li tkun approvata bil-miktub mill-Awtorità; u

(b) li tkun kontrollata mill-persuna kompetenti,

m'għandha twettaq tibdil materjali fuq faċilità awtorizzata.

(4) Meta jkun qed isir it-tibdil materjali, il-persuna kompetenti għandha ssegwi kull linja gwida li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien toħroġ.

(5) Ġaladarba t-tibdil materjali jitlesta l-persuna kompetenti kkummissjonata mill-provditur awtorizzat biex twettaq it-tibdil materjali għandha tissottometti ċertifikazzjoni bil-miktub li l-ħtiġijiet tas-sigurtà imposti fuq il-faċilità awtorizzata jkunu ġew osservati.

(6) L-Awtorità tista', wara li tkun għamlet dak it-tibdil materjali msemmi fis-subregolament (5), tibgħat spettur sabiex iwettaq spezzjoni ta' verifika fuq il-faċilità awtorizzata.

Sospenjoni, revoka jew thassir ta' l-awtorizzazzjonijiet.

21. (1) L-Awtorità tista', f'kull waqt matul il-perjodu li fih il-awtorizzazzjoni tkun valida, tordna s-sospensjoni, ir-revoka jew it-tħassir tagħha meta l-Awtorità tkun sodisfatta li:

(a) il-provditur awtorizzat ikun naqas jew ikun qed jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jew ma' dawn ir-regolamenti; jew

(b) il-provditur awtorizzat ma jippossjedix il-permessi u l-liċenzi kollha rilevanti li jinħarġu minn xi awtorità pubblika oħra; jew

(ċ) il-provditur awtorizzat ikun qiegħed jikser xi ħtieġa imposta bil-liġi; jew

(d) il-provditur awtorizzat jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi direttiva mogħtija mill-Awtorità dwar dawk l-affarijiet li huma hekk speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew li huma ta' deskrizzjoni hekk speċifikata; jew

(e) kull informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew fl-applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni u li biha l-awtorizzazzjoni tkun inħarġet jew iġġeddet, skond kif ikun il-każ tiġi determinata li hi falza; jew

(f) il-provditur awtorizzat ma jissodisfax il-kriterji aċċettabbli fir-rigward ta' xi waħda jew aktar mill-kriterji msemmija fir-regolament 13:

Iżda fl-eżerizzju tas-setgħat għas-sospensjoni, revoka jew tħassir ta' l-awtorizzazzjonijiet l-Awtorità tista' tqis in-natura tan-nuqqas, jew tal-fatt li l-provditur awtorizzat ikun qed jieħu l-miżuri adatti li l-Awtorità tikkunsidra li huma neċessarji sabiex huwa jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jew ma' kull ħtieġa oħra li l-Awtorità taħseb li tkun rilevanti.

Modifikazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet.

22. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista' f'kull ħin matul il-perjodu li fih l-awtorizzazzjoni tkun valida, timmodifika, temenda, tissostitwixxi, iżżid jew tħassar il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni hekk kif taħseb li jkun meħtieġ jew xieraq.

(2) Qabel ma tagħmel xi emendi, tibdil, żjidiet jew tħassir fl-awtorizzazzjoni, l-Awtorità għandha:

(a) skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) tikkomunika dawn l-emendi, tibdil, żjidiet jew tħassir fl-awtorizzazzjoni li tkun qegħda tipproponi li tagħmel;

(b) tiddikjara r-raġunijiet għaliex dawk l-emendi, tibdil, żjidiet jew tħassir ikunu qegħdin jiġu proposti;

(ċ) tispeċifika l-perjodu (li m'għandux ikun ta' inqas minn xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika) li fih għandhom isiru ilmenti jew oġġezzjonijiet fir-rigward tal-proposti li jkunu qegħdin isiru:

Iżda meta l-Awtorità tagħmel dan, hija għandha tikkunsidra kull ilment li jsirilha.

(3) In-notifika msemmija fis-subregolament (2) għandha:

(a) titressaq għall-attenzjoni tal-Ministru u tad-detenturi ta' l-awtorizzazzjoni;

(b) titressaq għall-attenzjoni tal-pubbliku permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta.

Terminazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

23. (1) Meta provditur awtorizzat jiddeċiedi jew li jissospendi jew li jtemm l-awtorizzazzjoni li jkollu biex iwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* jew biex jopera faċilità tal-ħżin primarja jew li jibbottilja l-*LPG*, huwa għandu minnufih jgħarraf lill-Awtorità bil-mod ordnat mill-Awtorità.

(2) Malli tiġi notifikata dik is-sospensjoni jew it-terminazzjoni, il-provditur awtorizzat hu obbligat li jinnotifika lill-Awtorità u li jkompli jopera għal perjodu minimu ta':

(a) tnax-il xahar fil-każ ta' awtorizzazzjoni biex titwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*;

(b) tnax-il xahar fil-każ ta' awtorizzazzjoni biex jopera faċilità tal-ħżin primarja;

(ċ) tmintax-il xahar fil-każ ta' awtorizzazzjoni ta' l-ibbottiljar tal-*LPG*.

(3) Mat-tmiem tal-perjodu deskritt fis-subregolament (2), l-awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*, l-awtorizzazzjoni sabiex topera faċilità tal-ħżin primarja u l-awtorizzazzjoni għall-ibbottiljar tal-*LPG* għandhom jiġu kkunsidrati li ġew mitmuma u b'effett immedjat minn dik id-data li n-negozju ta' l-importatur u, jew tal-grossista, il-faċilità tal-ħżin primarja u n-negozju ta' l-ibbottiljar ta' *LPG* għandhom jitqiesu li jkunu mingħajr awtorizzazzjoni.

(4) Minkejja li jkun hemm notifika għal waqfien elenkata fis-subregolamenti (1) u (2), il-provditur awtorizzat għandu xorta jibqa' responsabbli għall-ħlas ta' kull dritt ta' l-awtorizzazzjoni dovut qabel dik in-notifika.

Trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni.

24. (1) L-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti ma tistax tiġi trasferita validament *inter vivos* lil xi persuna oħra naturali jew legali kemm-il darba:

(a) min jittrasferixxi ma jinformax bil-miktub lill-Awtorità u b'tali mod u manjiera kif l-Awtorità tippreskrivi;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li minn ta' l-inqas l-istess kondizzjonijiet elenkati fir-regolament 13 qegħdin jiġu osservati;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx suġġett għall-kondizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjoni; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax bil-miktub it-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni:

Iżda li l-kiri tal-faċilità awtorizzata għandha teħtieġ l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ġdida f'isem il-persuna li tieħu b'kiri l-faċilità awtorizzata.

(2) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti ma tistax tiġi validament mgħoddija *causa mortis* lil xi persuna oħra naturali jew legali kemm-il darba:

(a) lil min din tiġi trasferita ma jinformax bil-miktub lill-Awtorità b'tali mod u manjiera hekk kif l-Awtorità tordna;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li għall-anqas l-istess kondizzjonijiet tar-regolament 13 ikunu qegħdin jiġu mħarsa;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx soġġett għall-kondizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjoni; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax bil-miktub it-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni:

Iżda l-awtorizzazzjonijiet maħruġin skond dawn ir-regolamenti għandu jkollhom dritt indiviżibbli:

Iżda wkoll fil-każ li l-Awtorità tapprova it-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni hekk imsemmija, dan it-trasferiment għandu jkollu effett retrospettiv mid-data tal-mewt tad-*decujus*.

Obbligi tas-servizz pubbliku.

25. L-Awtorità tista', fl-interess ġenerali, timponi bħala kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni fuq kull provditur awtorizzat biex jipprovdi obbligazzjoni ta' servizz pubbliku taħt dawn ir-regolamenti, li jagħti kull servizz, f'kull forma speċifika, lil kull konsumatur aħħari jew lil gruppi speċifiċi ta' konsumaturi aħħarin, bi prezzijiet speċifiċi, jew li timponi kondizzjonijiet fir-rigward ta' l-għoti ta' dawk is-servizzi:

Iżda kull nefqa addizzjonali mġarrba minħabba f'dawn l-obbligi għandha tiġi identifikata mill-provditur awtorizzat u approvata mill-Awtorità u dan l-infiq jista' jiġi rkuprat hekk kif speċifikat mill-Awtorità.

Ħtieġa għall-assigurazzjoni.

26. Kull awtorizzazzjoni maħruġa skond dawn ir-regolamenti għandu jkollha magħha polza ta' l-assigurazzjoni li ssir mill-provditur awtorizzat awtorizzata b'sodisfazzjon ta' l-Awtorità.

Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet.

27. Il-provditur awtorizzat għandu jikkoopera f'kull skema promossa minn awtorità kompetenti, li tkun magħmula biex tiżgura li tkun intlaħqet l-effiċjenza massima għat-tifi tan-nar fis-settur, f'livell kooperattiv nazzjonali.

Obbligu ta' l-ebda diskriminazzjoni bejn l-operaturi.

28. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* m'għandux jiddiskrimina bejn l-operaturi unikament abbażi ta' xi metodu partikulari jew teknoloġija ta' distribuzzjoni tal-*petroleum* lill-pubbliku, jekk l-imsemmi metodu jew teknoloġija tkun ta' servizz tajjeb u sigur għall-pubbliku.

Sigurtà tal-provvista.

29. Fil-każ ta' kriżi fil-provvista tal-*petroleum*, l-Awtorità tista', fit-twettiq tal-mandat tagħha sabiex tiżgura kull domanda raġonevoli għall-provvista ta' dik ir-riżorsa, tieħu pussess ta', jew tabilfors takkwista dawk il-ħażniet tal-*petroleum* li jidhrilha li jkunu xierqa jew tordna lill-possessur li jiddisponi minnhom skond ma tordnalu:

Iżda li l-possessuri ta' dawn il-ħażniet tal-*petroleum* għandhom jingħataw kumpens fiċ-ċirkostanzi ordinarji tal-każ.

Tilwin, markar u żieda ta' addittivi ma' prodotti tal-*petroleum*.

30. (1) L-Awtorità tista' teħtieġ li xi prodott tal-*petroleum* jiġi mmarkat b'kulur u, jew marka u, jew li jiġi miżjud addittiv kif jista' jiġi speċifikat minnha skond dawn ir- regolamenti u, jew kif meħtieġ taħt kull liġi oħra.

(2) L-Awtorità tista' teħtieġ li kull provditur awtorizzat jinstalla u jopera bi spejjeż tiegħu kull tagħmir li l-Awtorità tista' teħtieġ li jiġi installat għad-dożaġġ xieraq ta' kull lewn u, jew marka u, jew addittiv.

Bord ta' l-Appell dwar ir-riżorsi.

31. Il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Riżorsi mwaqqaf mit-Taqsima IX ta' l-Att għandu jkollu ġurisdizzjoni jisma' u jistabbilixxi appelli minn deċiżjonijiet ta' l-Awtorità magħmula taħt dawn ir-regolamenti.

Reġistru ta' l-awtorizzazzjonijiet.

32. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru jew reġistri ta' l-awtorizzazzjonijiet li għandhom jinkludu *records* ta':

(a) l-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, u

(b) l-applikazzjonijiet kollha għall-awtorizzazzjonijiet li jsirulha imma li jiġu rifjutati.

(2) Ir-reġistru jew ir-reġistri ta' l-awtorizzazzjonijiet għandhom jibqgħu jiġu riveduti u aġġornati.

Obbligu ta' tibdil.

33. L-Awtorità tista' teħtieġ lil kull provditur awtorizzat li jinkludi f'kull prodott tal-*petroleum* mibjugħ bl-ingrossa fis-suq tal-karburanti fuq l-art xi ammont ta' kontenut ta' biofuel.

Iżda dak l-ammont ma għandux ikun iktar minn dak imsemmi f'xi standard jew Direttiva li jkunu applikabbli.

Reati u pieni.

34. (1) Persuna li:

(a) xjentement jew b'negliġenza taġixxi bi ksur lejn xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) xjentement jew b'negliġenza tikser xi kondizzjoni elenkata fl-awtorizzazzjonijiet regolati minn dawn ir-regolamenti;

(ċ) tieħu sehem f'*boycott*;

(d) twettaq xi attività li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr ma tkun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni valida;

(e) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni leġittimu mogħtija minn spettur, impjegat jew uffiċjal ta' l-Awtorità waqt l-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom skond dawn ir-regolamenti;

(f) tostakola, tfixkel, timmolesta jew tindaħal jew tipprova tostakola, tfixkel, timmolesta jew tindaħal lil xi spettur, uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom taħt dawn ir-regolamenti;

(ġ) tagħmel dikjarazzjoni għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti li tkun falza, qarrieqa jew skorretta f'xi aspett materjali, tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u tista' meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal perjodu ta' mhux iktar minn tmintax-il-xahar, jew multa ta' mhux aktar minn tletin elf lira, jew ta' sitt mitt lira Maltija għal kull jum li fih jibqa' għaddej r-reat, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Ir-responsabbiltà ta' persuna li tinsab ħatja taħt is-subregolament (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-ħati li jħallas lill-Awtorità l-ispejjeż li tkun ġarrbet biex tneħħi l-kaġun tar-reat u biex telimina dak kollu li sar mingħajr awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Qorti, barra li tordna l-piena msemmija f'dan ir-regolament, tista' tordna lill-persuni li jinsabu ħatja jagħlqu l-attività tagħhom u, jew li jeliminaw dak kollu li jkun sar mingħajr awtorizzazzjoni.

(4) Fil-prosekuzzjoni ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, l-uffiċjali ta' l-Awtorità għandhom id-dritt jassistu lill-pulizija, u jittrattaw il-kawża quddiem il-Qorti

(5) Uffiċjali mill-Awtorità jistgħu jassistu lill-Pulizija fl-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat tagħhom sabiex jimpedixxu l-għemil ta' xi reat kontra dawn ir-regolamenti u, jew biex jiżguraw kull prova dwar dak ir-reat.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhom jaffettwaw ebda proċeduri kriminali u, jew proċeduri oħra li jistgħu jiġu mibdija taħt xi liġi oħra.

Multi amministrattivi.

35. L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva fuq kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

Thassir N.G. 337 ta' l-1955 u A.L. 12 ta' l-1978

36. Ir-Regolamenti ta' l-1955 dwar il-Ħażna tal-*Petroleum*, u r-Regolamenti ta' l-1978 dwar l-Esklużività ta' l-Enemalta (Eżenzjoni), qegħdin b'dawn jiġu mħassra.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 8(2)

Dritt għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li jrid jitħallas fir-rigward ta' applikazzjoni għal:

Awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni li biha tista' twettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* fis-suq fuq l-art hu ta' Lm100.

Awtorizzazzjoni sabiex topera faċilità tal-ħżin primarja

Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni biex topera faċilità tal-ħżin primarja hu ta' Lm100.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 11(2)

Dritt ta' awtorizzazzjoni mħallas fir-rigward ta':

Awtorizzazzjoni biex titwettaq l-attività ta' importatur u jew, grossista tal-*petroleum*

Id-dritt li japplika għal ħruġ ta' awtorizzazzjoni biex titwettaq attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* fis-suq fuq l-art hu ta' Lm1,000 fis-sena u ta' 0.75 milleżmu għal kull litru ta' karburant importat.

Awtorizzazzjoni biex topera faċilità tal-ħżin primarja

Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni biex topera faċilità tal-ħżin primarja hu ta':

(a) Lm2,000 fis-sena fil-każ ta' faċilità tal-ħżin primarja li ma teċċedix 25,000 tunnellati kapaċità;

(b) Lm4,000 fis-sena fil-każ ta' faċilità tal-ħżin primarja li teċċedi 25,000 tunnellati iżda li ma teċċedix 100,000 tunnellati kapaċità;

(ċ) Lm6,000 fis-sena fil-każ ta' faċilità tal-ħżin primarja li teċċedi 100,000 tunnellati kapaċità.

IT-TIELET SKEDA

Regolament 30 (1)

Iż-żjut tal-gass li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet CN 2710.19.41.00, 2710.19.45.00 għandhom jiġu mmarkati bil-kuluri li ġejjin:

(a) CI *Solvent Yellow* 174 f'każ ta' żejt tal-gass li jaqa' taħt il-Kodiċi CN 2710.19.45.00. Il-kulur għandu jiġi miżjud b'mhux inqas minn dik il-kwantità li tagħti intensità ta' kulur meta din tiġi mkejla bi spettrofotometru ta' 430 ± 10nm, li tikkorrispondi għal 5 mg ta' CI *Solvent Yellow 174* kif definit fl-Indiċi ta' l-Ilwien għal kull litru ta' żejt minerali; u

(b) CI *Solvent Blue* 79 f'każ ta' żejt tal-gass li jaqa' taħt il-Kodiċi CN 2710.19.41.00. Il-kulur għandu jiġi miżjud b'mhux inqas minn dik il-kwantità li tagħti intensità ta' kulur, meta din tiġi mkejla bi spettrofotometru ta'650 ± 10 nm, li tikkorrispondi għal 5 mg ta' CI *Solvent Blue* 79, kif definit fl-Indiċi ta' l-Ilwien, għal kull litru ta' żejt minerali; u

(ċ) Petrol mingħajr ċomb li jaqa' taħt il-Kodiċi CN 2710.11.41.00, 2710.11.45 u 2710.11.49.00 għandu jiġi mmarkat b'kulur li jkun aħdar.